MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 323/2004

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Angelo Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm160.31) rappresentanti prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju 2003 kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta’ April 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u sittin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm160.31).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Gunju 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------